31994R1638

L 172/5 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 7.7.1994

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1638/94
tal-5 ta' Lulju 1994
li jirrigwarda l-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u statistika u t-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 882/94 [2], u b'mod partikolari Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifika tal-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew f'parti minnha msejsa fuqha jew li żżid kull subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati l-miżuri tat-tariffi u miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti iridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi hija l-aċċettazzjoni illi t-tagħrif li jorbot tat-tariffi maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifika tal-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jissoktaw jiġu invokati, skond id-dispożizzjonijiet f'Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunita [3], għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur mill-pussessur;

Billi l-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffa u Statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

It-tagħrif li jorbot tat-tariffi maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament jistgħu jissoktaw jiġu invokati skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2912/02 għal perjodu taż-żmien ta' tliet xhur.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Lulju 1994.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 256, tal-10.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 103, tat-22.4.1994, p. 5.
(3) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Id-Deskrizzjoni tal-oġġetti	Il-Kodiċi tal-Klassifika tan-NM	Ir-Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. L-elementi ta' adapter huma: bords għad-dħul u l-ħruġ, bordijiet ohra għall-memorja u l-interface, bord għall-kontroll, (b'komponenti passivi u attivi u circuits monolitiċi) u bord għall-enerġija L-adapter jipprovdi għat-trażmissjoni diġitali bejn magni diġitali u oħrajn b'netwerk ta' 10 Mbps (megabits għa kull sekonda)	8517 82 90	Klasifikácia je určená ustanoveniami všeobecných pravidiel 1 a 6 pre interpretáciu kombinovanej nomenklatúry, poznámka 5 ku kapitole 84, a znením číselných znakov (KN) 8517, 8517 82 a 8517 82 90.
2. *Adapter* li jgħaqqad fis-sistemazzjoni tiegħu nnifsu, li jikkonsisti minn żewġ *adapters*, magħquda bil-fil u kkontrollati b'unità ta' mikro-proċessur. L-elementi pinċipali taż-żewġ *adapters* huma: blokki għad-dħul u l-ħruġ, blokka b' *interface* u blokka tal-memorja, blokk tal-kontroll (b'komponenti attivi u passivi u ċirkwiti monolitiċi integrati) u blokka tal-provvista tal-enerġija L-apparat jgħaqqad diġitalment żewġ *networks* li għandhom karatteristiċi differenti u b'hekk jipprovdi għat-trasmissjoni tal-informazzjoni.	8517 82 90	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nota 5 mal-Kapitolu 84 tan-nomenklatura magħquda, u bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8517, 8517 82 u 8517 82 90.
3. *Transceiver* fis-sistemazzjoni tiegħu nnifsu, li l-elemeni prinċipali tiegħu huma blokka tad-dħul u l-ħruġ, blokka tal-kontroll (b'komponenti attivi u passivi u ċirkwiti monolitiċi integrati) u provvista tal-enerġija inkluża fih L-apparat jagħmilha possibbli li jitwaħħlu sa erba' *adapters* ma' *network* ta' 50-Mbps (*Megabites* kull sekonda) għat-trasmissjoni diġitali tal-informazzjoni.	8517 82 90	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nota 5 mal-Kapitolu 84 tan-nomenklatura magħquda, u bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8517, 8517 82 u 8517 82 90.
4. Montatura elettronika magħrufa bħala riċevitur *Pinfer* li tikkonsisti mill-komponenti li ġejjin: Dijodu *PIN* li jikxef bil-fotografija, *microwave*, transisturi *FET* tal-amplifikazzjoni fil-għamla ta' *chip*, *chips* transisturi bipolari semi-kondutturi, reżisturi stampati fuq tertuqa ħoxna u *chips* kapaċitaturi. Id-dijodi *PIN* li jikxef bil-fotografija huwa mmuntat fuq substrat li hu mmuntat fuq substrat ieħor flimkien ma' komponenti oħra, u kollox huwa magħluq f'*casing* u kkonnettjat ma' tul ta' fil tal-fibra ottika (konnessjoni malju tax-xagħar)	8517 90 92	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nota 5 (B) (b) mal-Kapitolu 85 tan-nomenklatura magħquda, u bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8517, 8517 90 u 8517 90 92.
5. Partijiet tat-telefonijiet mobbli: (a) unità ta' filtru tal-wiċċ bil-mewġa akustika bi frekwenza fiċ-ċentru ta' 45,5 MHz (± 50 kHz) u wisa' tal-*band* ta' 39 kHz fi 3 dB (950 kHz f'20 dB) kontenut f'sistemazzjoni li d-daqsijiet tagħha minn barra ma jaqbżux il-5 × 13 × 21 mm, b'mhux iktar minn 6 konnessjonijiet. Il-filtru huwa mibni fil-għamla ta' filtru li jgħaddi l-*band*. Ineħħi s-sinjali u l-ħoss mhux mixtieqa mill-kanali fil-qrib.	8529 90 98	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, u bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8529, 8529 90 u 8529 90 98.

Id-Deskrizzjoni tal-oġġetti	Il-Kodiċi tal-Klassifika tan-NM	Ir-Raġunijiet
(b) oxxillatur ikkontrollat mill-voltaġġ bi frekwenza tal-oxxillazzjoni ta' 915 MHz jew iktar f' 4,5 V, u li ma jaqbiżx it-89 ċ MHz f'1 V, kontenut f'sistemazzjoni li d-daqsijiet tagħha fuq barra ma jaqbżux il-5 × 10 × 15 mm, b'mhux iktar minn 4 konnessjonijiet. L-oxxillatur jiġġenera sinjali lokali li meta mħallta massinjali ta' frekwenza għolja li jkunu qegħdin jiġu rċevuti jistgħu jiġu ppoċessati u d-demodulati f'sinjali finali tad-diskors.	8529 90 98	
6. Tubi endotrakeali prinċipalment użati ma' l-apparat anestetiku.	9018 90 60	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nota 2 b mal-Kapitolu 90 tan-nomenklatura magħquda, u bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 9018, 9018 90 u 9018 90 60.
7. Apparat elettroniku li jittestja l-komponenti li jikkonsisti f'kabinett li jkun fih kalkolatur, ras tat-test inklużi panewwa tal-kontroll, tastiera u monitor. Il-blokki taċ-ċirkwiti li jkun fihom il-komponenti li jridu jiġu ttestjati jitqiegħdu fuq panewwa tal-kuntatt fejn jiġu ċċekkjati. Il-kuntatti fuq il-panewwa jibagħtu impuls elettriku lil kull komponent fuq il-blokka taċ-ċirkwit. L-apparat li jittestja jistabbilixxi jekk ir-riżultati miksuba minn komponent mogħti jkunux iktar għolja jew iktar baxxi minn valur ta' referenza (issoltu voltaġġ jew frekwenza), maħżun fil-memorja tiegħu qabel jibdew it-testijiet, għalbiex jikxfu kull difett.	9030 81 90	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nota 3 mal-Kapitolu 90 tan-nomenklatura magħquda, u bit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 9030, 9030 81 u 9030 81 90. Ara wkoll in-noti ta' spjega man-nomnklatura magħquda li jirrigwardaw is-subintestatura 9030 81 90
8. Apparat li jittestja l-blokki taċ-ċirkwitu elettroniċi li jikkonsisti f'kabinett li jkun fih kalkolatur, ras tat-test inklużi l-konnetturi jew panewwa tal-kontroll, *printer*, tastiera u monitor. L-apparat tat-testijiet jiċċekkja t-twettiq tax-xogħol globali tal-blokka taċ-ċirkwit. Il-blokka taċ-ċirkwit hija mwaħħla mal-konnetturi jew imqiegħda fuq il-panewwa tal-kuntatt. L-apparat tat-testijiet jibgħat impulsi elettriċi minn ġewwa l-blokka u jistabbilixxi jekk ir-riżultati miksuba għall-blokka jkunux ogħla jew iktar baxxi minn valur ta' referenza maħżun fil-memorja tiegħu qabel ma jibdew it-testijiet.	9030 81 90	Il-Klassifika hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nota 3 mal-Kapitolu 90 tan-nomenklatura magħquda, u bil-mod tal-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 9030, 9030 81 u 9030 81 90. Ara wkoll in-noti ta' spjega man-nomnklatura magħquda li jirrigwardaw is-subintestatura 9030 81 90